MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Numru. 788/2006

**Il-Pulizija
(Supretendent Antonello Grech)**

**vs
Saviour Attard bin Joseph u Eucharistica nee' Sultana,
imwieled fl-24 ta' Novembru, 1957 u residenti Flat 2, Nazzareno Flats, Blk A, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 64357(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra l-hawn fuq imsemmi Saviour Attard li gie akkuzat talli nhar il-11 ta' Lulju, 2006 u fil-granet ta' qabel fix-Xaghra, Ghawdex, volontarjament qatta', kisser, waqqa', iddistrugga, ghamel hsara jew

nehha, batterija, xi makkinarju, fil- (wire of telephone) gumna (cable) jew kull haga ohra li taghmel parti minn telegrafu, elettriku jew manjetiku, bil-fili jew minghajr fili, jew li tkun uzata jew li sservi f'dan it-telegrafu jew fit-thaddim tieghu, jew ghamel xi haga li zzomm jew tfixkel b'xi mod jew iehor il-moghdija minn banda ghall-ohra ta' messagg ghad-dannu tal-kopja Ino Mario u Antonia Mifsud mix-Xaghra, Ghawdex (Art 326 (i)(e) Kap 9) :-

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebieti

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat.

Ikkunsidrat

Illi fuq ammissjoni ta'l-imputat, l-Qorti issibu hati ta'l-akkuza u wara li rat l-artikolu 326(1)(e) u l-artikolu 28A u G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, liema perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum. Inoltre il-Qorti qieghda tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti qieghda tordna notifikata ta' dina s-senetnza lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------